

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-inċertezza tar-regoli applikabbi ġħall-SMEs ġħall-finijiet tar-rikonoxximent tal-ispejjeż ta' proġett.

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-KE tonqos milli tenfasizza r-riskji marbuta mal-mekkaniżmi ta' żball tas-sistema ta' kontabbiltà li jistgħu jwasslu għar-rifjut tal-ispejjeż kollha ta' proġett.

(5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli tal-International Audit Federation u tal-leġiżlazzjoni Ewropea applikabbi fil-qasam tal-awditu tal-SMEs.

(6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq l-elgħibbiltà tal-ispejjeż ta' proġett u fuq l-assenzi ta' evalwazzjoni tal-awditu.

(7) Is-seba' motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-kumpannija inkarigata mill-awditu ibbażat il-konkużjonijiet tagħha relatati marrifjut tal-ispejjeż principally fuq il-fatt tal-użu esklużiv tat-timesheets.

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-awditiuri ċaħdu ġertu spejjeż tal-ivjaġġar għaliex dawn ma kinu inklużi fid-dokument ta' ppjanar inizjali (Dow); filwaqt li huwa normali li l-pjan tax-xogħol tal-proġetti jiġi ddettaljat minn sena għal sena.

(8) It-tmien motiv ibbażat fuq id-dritt leġittimu tar-rikorrenti li tħallas għall-attivitajiet eż-żejt b'mod korrett, u fuq l-arrikkiment indebitu tal-KE.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li r-riżultati tal-proġetti MARE, SENIOR u ECNR ngħataw lill-KE fit-termini previsti. Din aċċettat mingħajr riżerva r-riżultati eċċelenti miksuba u l-Kummissarju Ewropew responsabbi mis-settur approvahom u ffirmahom. Fid-dawl tal-kwalità eċċelenti tax-xogħol ipprovdut, il-proġett ECNR għie estiż b'sitt xħur. Ir-rifjut tal-ispejjeż kollha tal-proġetti għalda qstant ikun imur

kontra l-prinċipju ta' dritt leġittimu għar-remunerazzjoni tax-xogħol ipprovdut, li jwassal għal arrikkiment indebitu tal-KE.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Novembru 2013 — EuroChem MCC vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-234/08)** <sup>(1)</sup>

(2014/C 15/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 209, 15.08.2008.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Novembru 2013 — Franza vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-485/09)** <sup>(1)</sup>

(2014/C 15/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 37, 13.02.2010.